# Żjara fil-Muntanji Nebrodi ma’ BirdLife Malta

## Parti mill-mawra titmexxa mill-konservazzjonista magħrufa Taljana Dr Anna Giordano

Total ta’ 24 membru tal-Grupp tal-Attivitajiet għall-Adulti fi ħdan BirdLife Malta dan l-aħħar għamlu vjaġġ ta’ erbat ijiem fir-riserva naturali u l-ambjent ta’ madwar il-Muntanji Nebrodi biex jesploraw l-ambjent naturali varjat ta’ Sqallija.

Malli wasal, il-grupp żar l-Alcantara Gorge, sit popolari li jinsab mal-ġnub tat-tramuntana tal-Muntanja Etna u fejn il-qiegħ tax-xmara ġie affettwat mill-mixja impressjonanti tal-lava li toħroġ mill-vulkan. Akkumpanjati minn gwida ta’ esperjenza, il-membri tal-grupp żaru wkoll żewġ lagi maġenb xulxin li hemm fil-viċinanzi u l-bokka prinċipali tax-xmara waqt li għamlu wkoll waqfa fil-villaġġ ta’ Motta Camastra li jinsab nofs triq int u tiela’ l-Monte Mongivacche.

L-għada, il-grupp ħa sehem fi *trek* fuq rotta ta’ 18-il kilometru fil-Park Nazzjonali tan-Nebrodi. Il-mixja tmexxiet mill-konservazzjonista magħrufa Taljana u rebbieħa tal-premju prestiġjuż Goldman Prize, Dr Anna Giordano. Dr Giordano, li tmexxi wkoll il-World Wide Fund for Nature (WWF) fi Sqallija u hija wkoll direttur tat-Trapani Salt Pans Reserve, iggwidat il-grupp sa Lago Maulazzo – lag magħmul mill-bniedem, kif ukoll sal-lag naturali ta’ Biviere di Cesaro, li jinsab preċiżament taħt l-ogħla quċċata taz-zona muntanjuża tan-Nebrodi magħrufa bħala Monte Soro f’għoli ta’ 1,847 metru. L-esperjenza tagħha fil-qasam ambjentali, b’mod partikolari fil-ħarsien tal-għasafar selvaġġi, kienet ferm apprezzata mill-parteċipanti. Tul il-mixja kienu osservati diversi siġar indiġeni u pjanti kif ukoll għasafar differenti fosthom speċi bħall-Avultun Prim, l-Ajkla tal-Kalzetti u għadd ta’ kuċċard.

Fit-tielet jum, il-membri setgħu josservaw numru ta’ Avultuni Primi fiz-zona popolari ta’ Alcara li Fusi mal-ġnub tal-Monte del Castro fejn hu magħruf li tbejjet din l-ispeċi. Dakinhar il-grupp żar ukoll il-belt popolari ta’ Cefalù mal-kosta tat-Tramuntana ta’ Sqallija. Fir-raba’ jum il-parteċipanti ħadu sehem fi *trek* oħra fil-wied ta’ Monte Spagnolo fin-naħa t’isfel tal-Etna fejn hemm bosk mimli b’numru kbir ta’ siġar indiġeni, u esploraw ukoll il-belt ta’ Taormina. Hawnhekk il-grupp kien immexxi minn membri ta’ BirdLife Malta b’esperjenza f’dan ix-xogħol.



Din il-mawra fi Sqallija kienet organizzata mill-Grupp tal-Attivitajiet għall-Adulti ta' BirdLife Malta għall-membri ta' BirdLife Malta. Jekk tixtieq tingħaqad magħna fil-vjaġġ li jmiss, tista' tagħmel dan billi ssir membru ta' BirdLife Malta llum. Aktar dettalji dwar l-attivitajiet li għandna ppjanati għall-futur jinsabu fuq is-sit elettroniku tagħna.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**

- Kalendarju tal-attivitajiet ta' BirdLife Malta:
  http://birdlifemalta.org/events

- Ingħaqad ma' BirdLife Malta
  http://birdlifemalta.org/become-member

**Mehmuż:**

- Ritratt tal-grupp meħud f'Lago Maulazzo flimkien ma' Dr Anna Giordano (fil-filliera ta' quddiem, ir-raba' mil-lemin) *Ritratt ta' BirdLife Malta*

